# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 41**

**Cit. Nru. 596/01 GCD**

**John Mary sive Jimmy Vella**

**Vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-attur huwa importatur u bejjiegh bl-ingross ta' prodotti vegetali, frottijiet u simili;

Illi s-socjeta` konvenuta xtrat minghand l-attur merkanzija ghal valur globali fatturat ta' wiehed u ghoxrin elf tliet mija u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm21,380.95);

Illi ghalkemm debitament interpellata ghall-hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;  u

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12, jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh;

Talab illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara s-socjeta` konvenuta debitrici ta' l-attur fis-somma ta', u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta', wiehed u ghoxrin elf tliet mija u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm21,380.95);

Bl-imghax kummercjali ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-krediti individwali li jiffurmaw is-somma mitluba kif ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;  bl-ispejjez legali inkluzi dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet numru 868/01.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-attur u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm